

32001D0898

15.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 331/101

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Diċembru 2001

li tistabbilixxi l-arranġamenti għal provi u testijiet komparattivi tal-Komunità dwar il-materjal ta' tnissil ta' pjanti ornamentalni skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE

(notifikata taħt dokument numru Ċ(2001) 4224)

(2001/898/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE dwar il-marketing ta' materjal ta' tnissil ta' pjanti ornamentalni⁽¹⁾, b'mod partikolari Artikolu 14(4) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva msemmija hawn fuq tipprovdi għall-arranġament li għandu jsir għall-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità ta' materjal ta' tnissil li għandhom jitwettqu.
- (2) Rappreżentazzjoni adegwata tal-kampjuni inklużi fil-provi u t-testijiet għandha tkun żgurata, għall-inqas għal ċerti pjanti magħżula.
- (3) L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw fil-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità, sal-limitu li ż-żerriegħa tal-pjanti msemmija hawn fuq tkun normalment riprodotta jew *marketed* fit-territorji tagħhom, biex wieħed jasal għall-konklużjoni xierqa minnhom.
- (4) Il-Kommissjoni hija responsabbli li tagħmel l-arranġamenti meħtieġa għall-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità.
- (5) L-arranġamenti tekniċi għat-tweġieq tal-provi u t-testijiet ikunu saru fil-Kumitat Permanenti għall-Materjal ta' Tnissil ta' Pjanti Ornamentalni.
- (6) Provi u testijiet komparattivi tal-Komunità għandhom isiru mis-sena 2002 sa l-2004 fuq materjal ta' tnissil maħsud fl-2001 u d-dettalji għal dawn il-provi u t-testijiet għandhom ikunu wkoll stipulati.
- (7) Għall-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità li jdumu aktar minn sena, il-partijiet tal-provi u t-testijiet li jsiru wara l-ewwel sena għandhom, bil-kondizzjoni li jkun hemm l-appropriazzjonijiet meħtieġa, jkunu awtorizzati mill-Kommissjoni mingħajr ma ssir aktar referenza għall-Kumitat Permanenti għall-Materjal ta' Tnissil ta' Pjanti Ornamentalni.

- (8) Il-Kumitat Permanenti għall-Materjal ta' tnissil ta' Pjanti Ornamentalni ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President tiegħu.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità għandhom jitwettqu mis-sena 2002 sa l-2004 fuq il-materjal ta' tnissil tal-pjanti elenkati fl-Anness.
2. L-ispiża massima għall-provi u t-testijiet għall-2002 għandu jkun kif stipulat fl-Anness.
3. L-Istati Membri kollha għandhom jieħdu sehem fil-provi u t-testijiet komparattivi tal-Komunità sal-limitu li ż-żerriegħa u l-materjal ta' tnissil tal-pjanti elenkati fl-Anness ikunu ġeneralment riprodotti jew *marketed* fit-territorji tagħhom.
4. Id-dettalji tal-provi u t-testijiet huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tkompli l-provi u t-testijiet stipulati fl-Anness fl-2003 u l-2004. L-ispiża massima għal prova jew test li jitkomplew fuq din il-bażi m'għandhiex teċċedi l-ammont speċifikat fl-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 226, tat-13.8.1998, p. 16.

ANNEX

Provi li għandhom isiru fl-2002

Speċi	Grupp Responsabbli	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu eżaminati	Numru ta' kampjuni	Infiq (€euros)
Pjanti Ornamentali mnissla miż-żerriegħa Petunia Lobelia Lathirus	NAKT Roelofarendsveen (NL)	Identità ta' varjetà u purità (għalqa) Kwalità' taż-żerriegħa esterna (laboratorju)	80	37 000
Basal tal-fjuri (Narciz)	BKD Lisse (NL)	Identità ta' varjetà u purità' (għalqa) Saħħa tal-Pjanta (laboratorju)	80	42 800
Pjanti Ornamentali (*) Chamaecyparis Ligustrum vulgare Euphorbia fulgens	NAKT Roelofarendsveen (NL)	Identità ta' varjetà u purità' Saħħa tal-Pjanta (għalqa) Saħħa tal-Pjanta (laboratorju)	40 40 20	12 400
			Spiża totali	92 200

(*) Prova li ddum aktar minn sena.

Provi li għandhom jsiru fl-2003

Speċi	Grupp Responsabbli	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu eżaminati	Numru ta' kampjuni	Infiq (€euros)
Pjanti Ornamentali Chamaecyparis Ligustrum vulgare Euphorbia fulgens	NAKT Roelofarendsveen (NL)	Identità ta' varjetà u purità Saħħa tal-Pjanta (għalqa) Saħħa tal-Pjanta (laboratorju)	40 40 20	3 700 (*)
			Spiża totali	3 700

(*) Spiża stmata

Provi li għandhom jsiru fl-2004

Speċi	Grupp Responsabbli	Kondizzjonijiet li għandhom ikunu eżaminati	Numru ta' kampjuni	Infiq (€euros)
Pjanti Ornamentali Chamaecyparis Ligustrum vulgare Euphorbia fulgens	NAKT Roelofarendsveen(NL)	Identità ta' varjetà u purità Sahħatal-Pjanta (għalqa) Saħħa tal-Pjanta (laboratorju)	40 40 20	33 600 (*)
			Spiża totali	33 600

(*) Spiża stmata.